**19 ta' Frar, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Albert Mizzi *noe*

*versus*

Id-Direttur tax-Xogħlijiet

**Kontumaċja – Ġustifikazzjoni**

*Fil-materja tal-purgazzjoni tal-kontumaċja m'għandux ikun hemm negliġenza tal-parti jew tal-mandatarju tagħha. Jekk il-konsenja tal-kopja ta' l-att issir lil waħda mill-persuni indikati mil-liġi,*

*għandu jkun preżunt għall-finijiet tan-notifika illi hija waslet għand id-destinatarju. Però għall-finijiet tal-purgazzjoni tal-kontumaċja dan ma jippreklud ix lill-persuna li kellha tiġi u ġuridikament ġiet notifikata iżda qatt ma ġiet murija l-att mill-persuna li rċevietu u bil-liġi setgħet tirċevih illi, fil-każijiet kongruwi, tfittex il-purgazzjoni.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-10 ta' Lulju 1989 li biha l-attur *nomine* ppremetta illi b'ittra datata 8 ta' Ottubru 1980 (Dokument A) il-konvenut għamel talba lill-attur għall-ħlas ta' disa' mija u erbatax-il lira u sittax-il ċenteżmu u erba' milleżmi (Lm914.16,4) bħala *"building contribution"* ta' bini f'Isouard Street fil-kantuniera ma' Tower Road, f'Tas Sliema;

Illi l-konvenut qiegħed jippretendi dan il-ħlas a bażi tal-fatt li l-attur waqqa' u reġa' bena dar kif tindika ittra datata 22 ta' Settembru 1982 mingħand id-Direttur tax-Xogħlijiet (Dokument BZ) u dan għax b'ordni Ministerjali maħruġ fis-16 ta' April 1963 il-kontribuzzjoni għandha tintalab anke fejn post antik jaqa' u jerġa' jinbena;

Illi l-attur dejjem sostna li ma għandux iħallas l-ammont pretiż;

Illi l-konvenut ħareġ mandat ta' qbid numru 1771/87 (Dokument DZ) kontra l-attur u l-attur b'ittra datata 16 ta' Diċembru 1987 (Dokument (EZ) talab lill-Marixall Joseph Fava jiddepożita fir-Reġistru tal-Qorti stante li l-ħlas sar taħt protest u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' l-attur;

Illi l-attur b'ittra uffiċjali tas-16 ta' Marzu 1989 interpella lill-konvenut biex jirtira t-talba tiegħu iżda dan irrifjuta b'ittra

uffiċjali tat-28 ta' Marzu 1989;

Talab li din il-Qorti: -

(1) tiddikjara li l-attur ma għandux iħallas is-somma ta' disa' mija u erbatax-il lira u sittax-il ċenteżmu u erba' milleżmi (Lm914.16,4) bħala "*Building contribution*" ta' bini f'Isouard Street, *fil-kantuniera ma'* Tower Road, *f'Tas-Sliema*;

(2) konsegwentement li l-attur jiġi awtorizzat jiżbanka mir-reġistru ta' din il-Qorti l-imsemmija somma ta' disa' mija u erbatax-il lira u sittax-il ċenteżmu u erba' milleżmi (Lm914.16,4) li ġew iddepożitati hemm;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur kif ukoll id-dokumenti minnu esibiti;

Rat ir-rikors ippreżentat fis-27 ta' Ottubru 1989 li bih il-konvenut talab li jiġi awtorizzat jiġġustifika l-kontumaċja apparenti tiegħu u tagħtih terminu sabiex jippreżenta l-eċċezzjonijiet;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Novembru 1989 li bih l-attur ikkontesta t-talba tal-konvenut għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja;

Semgħet il-provi prodotti mill-konvenut in sostenn tat-talba tiegħu;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li ċ-ċitazzjoni ma nġibitx a konjizzjoni tal-konvenut u x-xhud Emanuel Pace inkarigat mir-*Revenue Section* fl-*Accounts Section* tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet xehed li l-ewwel darba li ra ċ-ċitazzjoni kien f'x'il-bidu ta' Ottubru 1989, meta n-notifika saret fl-10 ta' Awissu 1989 u għalhekk ġa kienu ddekorrew l-20 jum li fihom il-konvenut kellu jippreżenta n-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tiegħu;

Illi l-kwistjoni mhiex jekk il-konvenut għandux jiġi ritenut li ġie debitament notifikat iżda jekk nonostante din id-debita notifika hiex ġustifikata l-kontumaċja tiegħu;

Ikkunsidrat:

Illi kif ġie ritenut mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appel il-kawża fl-ismijiet "Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi" deċiża fit-12 ta' Diċembru 1975 illi fil-materja tal- purgazzjoni tal-kontumaċja m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, jew tal-mandatarju tagħha, għax allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-"*culpa*" u f'dak il-każ il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn, għax "*qui culpa sua damnum sestit non videtur damnum sentire*". Issa fil-kawża odjerna ma rriżultat ebda ħtija fil-konvenut, se mai l-ħtija hija tal-persuna li rtirat iċ-ċitazzjoni mill-uffiċċju tal-posta u naqset li twassalha lill-konvenut fiż-żmien utili skond il-liġi;

Illi kif ġa ġie rilevat in-notifika saret validament peress li impjegat tad-dipartiment iffimra l-"*pink card*" tal-Posta. Kif xehed Maurice Attard, il-proċedura segwita hija li l-posta ma

tiġix konsenjata *lilhom* fid-Dipartiment, imma huma jibagħtu l-messaġġier l-Uffiċċju tal-Posta biex jirtiraha;

Ikkunsidrat:

Illi kif ġie ritenut fid-deċiżjoni ċitata l-validità tan-notifika għall-finijiet proċedurali ma teskludix *illi* l-konvenut jista' jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu jekk ikollu raġuni tajba. Kieku kull darba li jiġi ppruvat li saret notifika skond l-artikolu 187 (1) tal-Kodiċi ta' Proċedura l-konvenut li ma jkunx ippreżenta l-eċċezzjonijiet fit-terminu legali, kellu jiġi prekluż mill-purgazzjoni tal-kontumaċja, kienet tkun għal kollox inutili u ożjuża d-dispożizzjoni ta' l-art. 158 (9) illi tippermetti lill-konvenut juri lill-Qorti li kellu "raġuni tajba" għan-nuqqas tiegħu. Kif kompliet l-istess Onorabbli Qorti, l-artikolu 186 (1) (illum 187) għandu għalhekk jiftiehm fis-sens illi jekk il-konsenja tal-kopja ta' l-att issir lil waħda mill-persuni indikati mil-liġi, għandu jiġi preżunt għall-finijiet tan-notifika illi hija waslet għand id-destinatarju. Dan però, għall-finijiet tal-purgazzjoni tal-kontumaċja (eżerċizzju li pratikament jippostula notifika proċedurali valida, għax altrimenti l-persuna interessata timxi proċeduralment mod ieħor) ma jipprekludix lill-persuna li kellha tiġi u ġuridikament ġiet notifikata iżda qatt ma ġiet murija l-att mill-persuna li rċevietu u bil-liġi setgħet tirċevih, illi, fil-każijiet kongruwi, tfittex l-imsemmija purgazzjoni;

Ikkunsidrat:

Fuq l-iskorta tas-sentenza ċitata u tal-ġurisprudenza ċitata fl-istess sentenza, billi l-konvenut ma kellu ebda ħtija peress li l-messaġġier, li lanqas hu identifikat, li presumibbilment irtira

l-kopja taċ-ċitazzjoni mill-uffiċċju tal-Posta, ma nformax lill-konvenut biha u anqas ma nforma lill-uffiċjal inkarigat mis-*Section* fid-Dipartiment qabel ma skada t-terminu legali, u għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut iġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tilqa' t-talba tal-konvenut u tiddikjara li l-konvenut iġġustifika l-kontumaċja tiegħu u konsegwentement tagħti lill-konvenut il-fakolta li jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet fi żmien għoxrin (20) jum mil-lum;

L-ispejjeż ta' dan l-inċident jibqgħu riżervati;

Il-kawża hija differita għall-kontinwazzjoni għas-26 ta' Marzu 1990.